Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,351, 21 ta' Frar, 2020

Taqsima B

A.L. 32 tal-2020

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Proċedura ta' Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Kontijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Proċedura ta' Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Kontijiet u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordni dwar Proċedura ta' Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni tal-Kontijiet, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 460.33.

Bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Diċembru 2019.

Jemenda l-artikolu 5 tal-Ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 5 tal-Ordni prinċipali, il-kliem "tal-Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Avukat tal-Istat".